**GRUPP ORGANIZZATTIV ĠIMGĦA L-KBIRA**
UFFIĊĊJU PARROKKJALI, PARROĊĊA MOSTA
15, TRIQ IL-KNISJA, MOSTA, MST 2015
Sit uffiċċjali: www.mostachurch.com
Paġna ta' *facebook*: mostaparish

# Formola għat-Tkaxkir tal-Ktajjen fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, Mosta 2025

1. It-tkaxkir tal-ktajjen fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Mosta jsir b'reġistrazzjoni **nhar il-Ħadd 9 ta' Marzu 2025 wara s-seminar ta' tħejjija għall-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù**.
2. Importanti **(1) timla u ġġib miegħek din il-formola** u **(2) iġġib kopja minn quddiem u minn wara tal-karta tal-identità**. Jekk ma tistax tattendi għas-seminar, tista' tibgħat persuna oħra li mhux se tkaxkar din is-sena.
3. In-numru ta' postijiet hu limitat għal ħamsin. Il-post fejn se jitkaxkru l-ktajjen waqt il-purċissjoni jintagħżel dakinhar li ssir ir-reġistrazzjoni.
4. Dakinhar tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, importanti li ġġib miegħek:
   i. Din il-formola
   ii. Il-karta tal-identità
   iii. Konfratija, barnuż u kurdun - nodfa u jiġuk sewwa fid-daqs
   iv. Salib li jinżamm ma' ħżiemek
   v. Fanal
   vi. Ċraret bojod sabiex torbot il-ktajjen
5. Il-Grupp Organizzattiv jipprovdi l-ktajjen li jiżnu madwar 35kg. Dakinhar tal-Ġimgħa l-Kbira, dawn għandhom jinġabru mill-maħżen tal-Monument bejn l-4.30 p.m. u l-5:15 p.m. Kif tidħol il-vara li se tkun qed tkaxkar warajha, il-ktajjen għandhom jitpoġġew mill-ewwel lura fil-maħżen tal-Monument.
6. Mhux permess l-użu ta' ktajjen personali jew alterazzjoni għall-ktajjen tal-Grupp Organizzattiv.
7. Hu assolutament projbit xorb u tipjip.
8. L-organizzazzjoni u l-osservanza ta' dawn ir-regoli se tkun f'idejn il-membri tal-Grupp Organizzattiv u f'idejn persuni oħra nkarigati li jkollhom kard apposta sabiex jiġu identifikati.

| **ISEM U KUNJOM:** | |
|---|---|
| **STATWA:**<br>titnizzel mill-Grupp Organizzativ dakinhar tar-reġistrazzjoni | **NUMRU TAL-KARTA TAL-IDENTITÀ:** |

---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

| **KTAJJEN - PURĊISSJONI TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA – 2025** | | |
|---|---|---|
| **ISEM U KUNJOM:** | **NUMRU TAL-KARTA TAL-IDENTITÀ:** | |
| **STATWA:**<br>titnizzel mill-Grupp Organizzativ dakinhar tar-reġistrazzjoni | **IMEJL:** | **NUMRU TAL-MOWBAJL:** |

Jiena naċċetta l-linji gwida t'hawn fuq u nagħti l-kunsens sabiex:

☐ Nagħti permess biex il-Parroċċa tal-Mosta tkun tista' żżomm u tuża l-informazzjoni li qed tinġabar.

☐ Nagħti permess biex jieħdu ritratti u filmati tiegħi waqt li qed nieħu sehem fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u attivitajiet oħra relatati magħhom. Dawn ir-ritratti u filmati jistgħu jintużaw fuq siti elettroniċi, paġna tal-*facebook* jew pubblikazzjonijiet.

☐ Nixtieq nirċievi informazzjoni oħra dwar diversi inizjattivi li l-Parroċċa tal-Mosta tkun qed tieħu.

______________________________________________

**FIRMA U DATA:**